MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 1197/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**JULIAN GENOVESE**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Julian Genovese, ta' 51 sena, iben Manuel u Karmen xebba Mallia, imwieled Pieta' fis-17 ta' Frar 1960 u residenti temporanjament gewwa fond Goco Flats, Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta tal-identita' numru 136860 M;

Talli gewwa dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta' Ottubru, 2011, fin-12:30 pm fi Triq in-Naxxar, San Gwann:

1) Arresta, zamm jew issekwestra lil Giovanna Genovese, kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din i-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan skont l-artiklu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Bl-imgieba tieghu, kkaguna lil martu Giovanna Genovese, biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza u dan bi ksur tal-artikolu 251 B tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istss data, hin, lok u cirkostanzi, hedded lil martu Giovanna Genovese bil-fomm, liema theddid kien jinvolvi wkoll ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-artiklu 249 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded, ghamel lil martu Giovanna Genovese ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artiklu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded minghajr skuza ragonevoli, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Appell mill-Imhallef Vincent De Gaetano, datata 12 ta' Awwissu, 2010, b'ordni taht dan l-artikolu, u cioe fil-konfront ta' martu u dan bi ksur tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu, weggaghha, bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar, talli, b'hekk fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, sar recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

U wara li rat u ezaminat il-provi migjuba;

**Ikkonsidrat:**

Illi mil-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat effettivament huwa hat ital-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, hlief ghas-sitt imputazzjoni. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat huwa mizzewweg izda separat minn ma' Giovanna Genovese, li hi l-parti leza fil-kawza. Fid-data, lok u hin indikati, hu kien ghaddej bil-vettura tieghu fi Triq in-Naxxar, San Gwann, tiela' fid-direzzjoni ta' Tal-Balal meta lemah lill-mara tieghu niezla bil-vettura taghha fid-direzzjoni opposta. Hu dawwar il-vettura tieghu ghal warajha, izda hekk kif hi ndunat bih, waqfet il-vettura taghha quddiem l-Ghassa tal-Pulizija fl-istess triq. Hu waqqaf il-vettura tieghu wkoll u mar biex ikellimha. Dahal fil-vettura taghha, u hemmhekk qamet ftit kommozzjoni. Hargu l-Pulizija mill-Ghassa u raw lill-imputat izomm lill-parti leza, u intervjenew. Huma dahhlu lil Giovanna Genovese gewwa l-Ghassa, kif qalu huma fix-xiehda taghhom peress illi rawha agitate, u l-imputat dahal warajhom. Hemmhekk kompla l-incident, fejn l-imputat sahansitra heddet lill-mara tieghu fil-presenza tal-istess Ufficjali tal-Pulizija li kien ser joqtolha. Ghalhekk hu gie arrestat minnufih, u ttiehdu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Minn esami tal-provi, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha jirrisultaw ippruvati, hlief ghas-sitt imputazzjoni, u cioe' dik tal-ingurja permezz ta' kitba,

disinn, jew mod iehor. Imkien ma rrisulta li kien hemm din it-tip ta’ ingurja mill-imputat fil-konfront ta’ martu.

L-imputazzjonijiet l-ohra kollha rrisultaw ippruvati. Bl-agir tieghu, l-imputat effettivament issekwestra lil martu w zammha kontra r-rieda taghha meta dahal fil-vettura biex allegatament ikellimha u jirranga l-affarjiet maghha – kliem testwali tieghu – minghajr ma hi accettat li jidhol fil-vettura fejn kienet hi. L-imputat jaghti l-impressjoni li hu ma jridx jaccetta s-separazzjoni minn martu, u allura qed jippersisti f’ dan l-agir tieghu. Dan qed jinghad peress illi l-istess imputat gia’ gie kkundannat minn din l-istess Qorti hekk kif presjeduta fuq reat iehor simili ghal dan, u kif jirrisulta mil-fedina penali tieghu il-persistenza tieghu f’dan l-agir kwazi ossessiv tieghu fil-konfront ta’ martu hi wahda assoluta.

Huwa ghalhekk illi, fil-fehma tal-Qorti, il-parti leza jisthoqqilha l-aktar protezzjoni possibbli minn dan l-agir vjolenti tal-imputat.

Illi kif kienet irriteniet il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet “Pul. V. Raymond Parnis”, deciza fl-24 ta’ April, 2009:

“ Dan ir-reat (Art. 251B Kap 9) gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

*“A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”*

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista’ jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:

*“A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his*

*ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** [1]:

"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…" [2]

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).

[1] OUP, 2007
[2] Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653.

Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista’ tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. “

Illi ghalhekk, il-Qorti sejra taghti piena ta’ prigunerija, fil-massimu possibbli taghha, hekk kif mizjuda bi grad bl-addebitu tar-recidiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 86, 251 B, 249 (2), 339 (e), 412 (c), 252 (1), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Din il-Qorti qieghda tillibera lill-imsemmi imputat Julian Genovese mill-akkuza numru 6;

Filwaqt li ssib hati ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra kollha kif dedotti u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija.

Il-Qorti, spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------